MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 1587/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Christian Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut kien originarjament impjegat mal-kumpanija Telepage Limited li sussegwentement giet *merged* mal-kumpanija Mobisle Telecommunications Limited; illi l-konvenut qabad u abbanduna l-impjieg tieghu meta kien ghad hemm kuntratt ta' impjieg vigenti; illi ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt ewro u sitta u disghin centezmu (€500.96) rapprezentanti penali dovuti minnu lis-socjeta' attrici; bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talba hija nfondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-esponenti assenta ruhu minhabba ragunijiet ta' mard u

mhux talli abbanduna x-xoghol; bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Ayrton Caruana u Patrick Gatt prodotti mis-Socjeta' attrici u ta' Dr Christopher Muscat .

Sema' x-xhieda tal- konvenut Christian Cachia, u t-Tabib Carmel Vella prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tat- 23 t'Ottubru, 2012 li bih thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' penali ghaliex qed jigi allegat li l-konvenut abbanduna l-impieg tieghu, dan qed jigi ikkuntestat mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Ayrton Caruana (*Senior Manager Industrial Relations)* mas-socjeta' attrici. Huwa ddikjara li l-konvenut kellu kuntratt ta' xoghol definit mas-socjeta' attrici. Illi qabel ma skada l-kuntratt il-konvenut kien talab li jahdem *part-time* sabiex jkun jista' jkompli l-istudji tieghu. Huma kienu laqghu t-talba tieghu u ghalhekk il-partijiet kienu ghamlu ftehim gdid ghall-sentejn.

Illi ghal darbtejn (fit-8 ta' Mejju u fil-5 ta' Gunju, 2010) irrapporta li kien marid u ma dahalx ix-xoghol u ghal darbtejn it-tabib tax-xoghol ma sabux id-dar[1]. Illi ghalhekk ittiehdu passi dixxplinarji kontrih u nghata *warning* li gie rekordjat[2]. Illi fid-9 ta'Gunju 2010 tkellem mal-*Human Resources Manager,* Terry Borg, biex jara x'ser jaghmel ghaliex ried jitlaq mix-xoghol. Kien gie nfurmat li mal-ittra tar-rizenja tieghu kellu ihallas penali (ara korrispondenza datata 9 ta' Gunju, Dok. AC5, a fol. 20 tal-process).

[1] Dan gie konfermat mit-Tabib Chris Muscat, a fol. 45 tal-process.
[2] Ara Dok AC4, a fol. 19 tal-process.

Fit-23 ta' Gunju ghadda certifikat minghand it-tabib tieghu li ddikjara li kien qed ibati minn anzjeta' u depressjoni[3] u ghalhekk in vista ta' dan talab li jittermina l-kuntratt minhabba ragunijiet medici. Dan ma sehhx.

Illi wara fit-26 ta Gunju cempel ix-xoghol biex jghid li ma jiflahx u ma kienx diehel ix-xoghol. Fit-3 u 5 ta' Lulju s-socjeta' attrici baghtet it-tabib tas-socjeta' attrici d-dar tal-konveut u dan rega' ma sabux id-dar[4]. Ghalhekk meta baqa' assenti mix-xoghol is-socjeta attrici kellha titterminalu l-impieg minhabba abbandun[5].

Sema' x-xhieda ta' Patrick Gatt li ddikjara li waqt li Christain Cachia kien qed jahdem mas-socjeta' attrici hu kien beda mpjieg gdid mas-socjeta' Klikk Limited. L-istess Patrick Gatt kien cempel din is-socjeta' u kienu kkonfermawlu li kien qed jahdem maghhom.

Sema' x-xhieda tal-konvenut li ddikjara li kien dahal f'dipressjoni ghaliex ma kienx qed jigi stmat mis-socjeta' attrici. Hu kkonferma li beda jahdem *part-time* minhabba li kien qed jaghmel kors. Illi pero' hu ma kompliex il-kors. Ikkonferma li beda jahdem ma' kumpanija ohra *full time*. Ikkonferma li meta kien icempel li kien ma jiflahx xorta wahda kien jmur ix-xoghol l-iehor. Iddikjara li kien mar ghand it-tabib tieghu ghaliex sahhtu kienet qed tiddeterjora u t-tabib kien tah parir li jieqaf mix-xoghol. It-tabib kien ukoll irreferih ghand il-Professsur Laferla[6] li baghtu jaghmel testijiet[7]. Dan kollu gie konfermat mit-tabib tieghu li wasal ghal-konkluzjoni li l-kawza tad-*depression* kienet li ma kienx kuntent ix-xoghol. Ic-cerifikat kien datat 11 ta' Gunju 2010.

Illi ghalkemm it-Tribunal jaqbel mal-konsulent legali tal-konvenut li t-tabib prodott mill-konvenut huwa bniedem professjonali w indipendenti pero' hemm fatturi ohrajn li

[3] Ara certifikat datat 11 ta' Lulju 2010, a fol. 21.
[4] Dan gie kkonfermat mit-Tabib Chris Muscat, a fol. 45 tal-process.
[5] Ara Dok AC9, a fol. 24.
[6] Ara xhieda tat-tabib Vella, a fol. 58.
[7] Ara xhieda tat-tabib Vella, a fol. 57.

jimilitaw kontra d-difiza tal-konvenut. Ghalkemm tabib jista' jasal ghall-konkluzjoni li bniedem ibati minn *depression* li mbaghad teffetwalu sahhtu, xorta wahda hemm fatturi ohra li ghandhom jigu kkonsiderati.

It-Tribunal jinnota li c-certifikat tat-tabib huwa datat fil-11 ta' Gunju u dan kien wara li l-konveut kien gie nfurmat li kellu jhallas penali jekk jittermina l-impieg qabel ma skada t-terminu. Illi l-konveut qatt ma kien id-dar meta nforma s-socjeta' attrici li kien ma jiflahx u li ghalhekk qatt ma tkellem mat-tabib tas-socjeta' attrici li setgha jghinu u forsi kien isahhah id-difiza tieghu. Fattur importanti iehor huwa li kellu impieg iehor u dan kien l-impieg *full time*. Il-fatt ukoll li kien b'sahhtu bizzejjed (minkejja *depression* li wasslu ghal-sintomi *ohrajn)* li jmur jahdem ma jistax jigi injorat u jimmilita kontra l-konvenut. Dawn il-fatti ghal dan it-Tribunal huma indikattivi tan-nuqqas ta' genwinita' tieghu.

It-Tribunal jemmen illi ma baqax immur ghax-xoghol minhabba l-fatt li ma kienx kuntent u li kien qed jaqa f' *depression* pero' ma jhossx illi fil-kaz odjern, bil-fatturi l-ohra, li dan huwa bizejjed biex jiggustifika l-abbandun tieghu tax-xoghol. Il-penali kalkolati huma fis-somma ta' hames mitt ewro u sitta u disghin centezmu (€500.96) u dawn il-kalkoli ma gewx kontenstati.

Ghalhekk fic-cirkostanzi u ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hames mitt ewro u sitta u disghin centezmu (€500.96), bl-imghax jiddekorri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------